Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 29

Volum 58

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

5 ta' Frar 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/170 tal-4 ta' Frar 2015 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1135/2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina** [1] 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171 tal-4 ta' Frar 2015 dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji** [1] 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/172 tal-4 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 11

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/173 tat-3 ta' Frar 2015 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 (EUTM) SOMALIA/1/2015** 14

Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 780/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 206/2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja** (ĠU L 219, 15.8.2013) 16

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

⋆ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 483/2014 tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2014 dwar miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tad-dijarea fil-porċini kkawżata minn deltakoronavirus fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' sprej ta' demm imnixxef u plażma tad-demm ta' oriġini porċina maħsuba għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali porċini mrobbija** (ĠU L 138, 13.5.2014) 16

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/170

tal-4 ta' Frar 2015

li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1135/2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) Wara li nstabu livelli għolja ta' melamina fil-ħalib tat-trabi, fi prodotti oħra tal-ħalib, fis-sojja u fi prodotti tas-sojja u ta' bikarbonat tal-ammonju maħsub għall-ikel u l-għalf fiċ-Ċina u meta dawn ġew importati lejn l-UE, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1135/2009 ([2]) jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina. Fuq il-bażi ta' dak ir-Regolament, l-importazzjoni ta' prodotti li fihom il-ħalib, ta' prodotti tal-ħalib, ta' sojja jew ta' prodotti tas-sojja maħsuba għall-użu nutrizzjonali partikolari għat-trabi u t-tfal żgħar li joriġinaw jew li jiġu miċ-Ċina hija pprojbita. Barra minn hekk, isiru kontrolli tal-identità u kontrolli fiżiċi, inkluż kampjunar u analiżi, għall-preżenza ta' melamina fuq madwar 20 % tal-kunsinni ta' bikarbonat tal-ammonju maħsub għall-ikel u għall-għalf, u fuq madwar 20 % tal-għalf u l-ikel li fihom il-ħalib, prodotti tal-ħalib, sojja jew prodotti tas-sojja li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina.

(2) Minn Lulju 2009 sal-lum ġie rrappurtat biss kampjun wieħed bħala mhux konformi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Is-sejbiet f'dak il-kampjun, li ġie rrappurtat fl-2011, qabżu biss bi ftit il-livell massimu ta' melamina fil-bikarbonat tal-ammonju. Bħala riżultat ta' dan, huwa xieraq li jiġu mħassra l-kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ħalib tat-trabi, ta' prodotti oħra tal-ħalib, tas-sojja u ta' prodotti tas-sojja u ta' bikarbonat tal-ammonju maħsub għall-ikel u għall-għalf li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1135/2009 huwa b'dan imħassar.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1135/2009 tal-25 ta' Novembru 2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina, u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/798/KE (ĠU L 311, 26.11.2009, p. 3).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/171

tal-4 ta' Frar 2015

dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 17(5) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2004 dwar l-użu ta' format komuni Ewropew għal dokumenti ta' liċenzjar maħruġa skont id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji ([2]) rrakkomandat l-użu tal-format standard għad-dokumenti ta' liċenzjar maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-liċenzjar.

(2) Skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2012/34/UE l-liċenzji kunsinnati mill-awtoritajiet nazzjonali tal-liċenzjar huma validi fit-territorju kollu tal-Unjoni. L-awtoritajiet nazzjonali tal-liċenzjar għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea bil-liċenzji li jkunu ġew maħruġa, sospiżi, revokati jew emendati u din tal-aħħar għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra skont il-każ. Mudell komuni għal-liċenzjar jiffaċilita x-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-liċenzjar u tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji u jipprovdi aċċess aktar faċli għall-informazzjoni dwar il-liċenzji lill-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari lill-awtoritajiet tal-liċenzjar tal-Istati Membri l-oħra u l-amministraturi tal-infrastruttura.

(3) L-informazzjoni kollha meħtieġa li tikkonferma li ċerta impriża ferrovjarja tkun ġiet regolarment liċenzjata għal ċertu tip ta' servizz tat-trasport ferrovjarju tista' tkun tinstab f'dokument standardizzat. Il-mudell standard għad-dokument tal-liċenzjar għandu jiffaċilita l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-liċenzji fuq is-sit tal-Internet tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea. Il-format standard jista' jiġi mmodifikat fil-ġejjieni skont l-esperjenza tal-użu tiegħu u l-iżvilupp tal-ħtiġijiet għal aktar informazzjoni dwar il-liċenzji.

(4) Il-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/34/UE relatati mal-kopertura għar-responsabbiltà ċivili jafu jvarjaw bejn l-Istati Membri skont il-liġijiet nazzjonali. Evidenza li l-impriża ferrovjarja tissodisfa dawn ir-rekwiżiti nazzjonali għandhom jiġu pprovduti b'Anness mad-dokument tal-liċenzja. Il-mudell standard għal dan l-Anness għandu jkun użat għal dan l-għan. Fil-każ li l-impriża ferrovjarja tixtieq teżerċita l-attivitajiet tagħha f'żewġ Stati Membri jew aktar, il-kopertura għal responsabbiltà ċivili għal kull wieħed minn dawn l-Istati Membri għandha tissemma f'Anness addizzjonali, li għandu jkun provdut mill-awtorità tal-liċenzjar fl-Istat Membru addizzjonali li l-impriża ferrovjarja tixtieq topera fih.

(5) L-awtoritajiet tal-liċenzjar jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tagħhom, il-livell ta' miżati tal-liċenzjar u ż-żmien biex jieħdu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja jekk dawn jiskambjaw l-informazzjoni malajr ma' awtoritajiet oħra u ma' entitajiet pubbliċi jew privati oħrajn.

(6) Minħabba li ftit sar ċaqliq fis-suq, mhumiex meħuda deċiżjonijiet dwar il-liċenzjar f'ebda Stati Membri għal sena jew snin konsekuttivi. Fl-istess ħin, il-miżati għoljin jafu joħolqu ostaklu għad-dħul fis-suq ta' impriżi ferrovjarji.

(7) Impriżi ferrovjarji li japplikaw għal liċenzja ġdida ma għandhomx jaffaċċjaw kundizzjonijiet ta' liċenzjar anqas favorevoli minn impriżi ferrovjarji li qegħdin diġà joperaw fis-suq.

(8) Il-piż amministrattiv żejjed impost fuq l-awtoritajiet tal-liċenzjar u l-impriżi għandu jitnaqqas billi jittrażżnu b'mod strett ir-rekwiżiti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2012/34/UE.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.
([2]) ĠU L 113, 20.4.2004, p. 37.

(9) L-awtoritajiet tal-liċenzjar ma għandhom l-ebda obbligu li jitolbu miżata għal-liċenzjar minn impriża ferrovjarja. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu tali miżata għax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-liċenzjar biex jeżaminaw l-applikazzjoni. F'każ bħal dan il-ħlas tal-liċenzja ma għandux ikun diskriminatorju, jiġi effettivament impost fuq l-impriżi kollha li japplikaw għal liċenzja u jkun ibbażat fuq il-ħidma attwali tal-awtorità tal-liċenzjar. Jekk il-miżata tal-liċenzjar taqbeż EUR 5 000, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tniżżel l-għadd ta' sigħat-persuni utilizzati u n-nefqa fin-nota tal-ħlas għall-miżata.

(10) F'tentattiv biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn l-impriżi ferrovjarji, id-Direttiva 2012/34/UE ħassret ċerti arranġamenti li mhumiex kompatibbli mal-kundizzjonijiet imtejba tas-suq, biex permezz ta' ħekk l-impriżi ferrovjarji għandhom jiġu assigurati jew jingħataw garanziji adegwati skont il-kundizzjonijiet tas-suq. L-awtoritajiet tal-liċenzjar għandhom jiġu mistiedna biex jivverifikaw l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet riveduti b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra tal-Istati Membri.

(11) L-għoti ta' liċenzja lil impriża ferrovjarja ma għandux ikun kundizzjonali fuq dan iċ-ċertifikat tas-sikurezza msemmi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(12) L-impriżi ferrovjarji ġodda huma kruċjali għall-kompetizzjoni, iżda jista' jkollhom diffikultajiet prattiċi biex jipprovdi rekord ta' qagħda finanzjarja tajba li jippermettilhom jistabbilixxu suppożizzjonijiet realistiċi għal perjod ta' 12 xahar fil-futur skont l-Artikolu 20(1) u (2) tad-Direttiva 2012/34/UE. Filwaqt li l-leġislaturi tal-UE ħolqu l-għażla ta' prova ssimplifikata għal ċerti trasportaturi tal-ajru iżgħar skont l-Artikolu 5(3) tar- Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-proċedura biex tinkiseb liċenzja tista' tqis dawn id-diffikultajiet prattiċi billi ttaffi l-proċedura biex tintwera qagħda finanzjarja tajba għall-impriżi ferrovjarji li japplikaw għal liċenzja.

(13) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 62(1) tad-Direttiva 2012/34/UE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dettalji għall-użu ta' mudell komuni għad-dokument tal-liċenzji. Jipprevedi wkoll ċerti aspetti tal-proċedura għall-għoti ta' liċenzja.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "dokument tal-liċenzja" tfisser il-mudell komuni mimli u ffirmat kif suppost, kif stipulat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament, li għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.

Artikolu 3

L-użu tal-mudell komuni għad-dokument tal-liċenzja

1. Il-liċenzji maħruġa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jużaw il-format standard stabbilit fl-Anness I u II ta' dan ir-Regolament.

Fil-każ fejn tinħareġ liċenzja ġdida, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tattribwixxi numru tan-notifika tal-liċenzji tal-UE skont is-sistema ta' numerazzjoni armonizzata, imsejjaħ Numru Ewropew għall-Identifikazzjoni (EIN), kif stabbilit fl-Appendiċi 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE ([3]).

([1]) Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi bl-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi previst fl-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE (ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30).

Kull darba li liċenzja tingħata, tiġi emendata b'mod rilevanti għad-dokument tal-liċenzja, tiġi sospiża, tiġi revokata jew tiġi mibdula b'liċenzja temporanja, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tistabbilixxi dokument tal-liċenzja bbażat fuq dan il-format

2. L-awtoritajiet tal-liċenzjar għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea b'konformità mal-Artikolu 24(8) tad-Direttiva 2012/34/UE billi jipprovdu kopja tad-dokument tal-liċenzja kif stipulat fil-protokoll tal-komunikazzjoni maqbula bejniethom.

3. L-informazzjoni li tikkonċerna l-kopertura finanzjarja għar-responsabilità ċivili msemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/34/UE għandu jissemma fl-Anness għad-dokument tal-liċenzja, billi jintuża l-format standard stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament. L-awtorità tal-liċenzjar għandha tehmeż anness mad-dokument tal-liċenzja. Dan l-anness għandu jingħata numru wieħed (1).

4. Permezz tal-informazzjoni provduta fl-annessi dwar ir-responsabbiltà, kif stipulat fl-Anness II ma' dan ir-Regolament, l-awtorità tal-liċenzjar fi Stat Membru partikolari jew amministratur tal-infrastruttura jista' jiċċekkja jekk il-kopertura tar-responsabbiltà ċivili li tittieħed mill-impriża ferrovjarja u li tkun approvata minn awtoritajiet oħra tal-liċenzjar hix biżżejjed f'dan l-Istat Membru partikolari. Jekk l-awtorità tal-liċenzjar tiddetermina li l-livell ta' kopertura huwa insuffiċjenti, din tista' titlob lill-impriża ferrovjarja għal kopertura addizzjonali. L-impriża ferrovjarja għandha tipprovdi lill-awtorità tal-liċenzji l-informazzjoni mitluba dwar il-kopertura tagħha.

5. Ladarba awtorità tal-liċenzjar tkun sodisfatta bil-kopertura, din għandha tinforma lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea dwar l-aġġornament tal-annessi eżistenti kkomunikata minn awtorità tal-liċenzji tal-istess Stat Membru jew iż-żieda ta' anness ulterjuri mal-liċenzja, billi jintuża l-format standard ta' dan l-Anness II u jiġu assenjati n-numri li jmiss (2, 3, 4, eċċ.) ma' dan l-anness.

6. Kull anness dwar ir-responsabbiltà għandu jsemmi l-ammont, il-kamp ta' applikazzjoni, bħall-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku jew it-tip ta' servizzi, u d-data tal-bidu u, jekk ikun applikabbli, l-iskadenza tal-kopertura. Il-numru tan-notifika tal-liċenzja għandu jissemma f'kull anness biex tiġi stabbilita rabta ċara mal-impriża ferrovjarja liċenzjata. L-awtorità tal-liċenzjar għandha tistabbilixxi anness aġġornat meta tiġi infurmata dwar bidla fil-kopertura għal responsabbiltà ċivili u tikkomunikaw l-Anness lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.

Artikolu 4

Miżati tal-liċenzjar

L-Istati Membri jistgħu jitolbu miżata tal-liċenzjar għall-eżami ta' kull applikazzjoni. Il-miżati tal-liċenzjar għandhom japplikaw b'mod nondiskriminatorju.

Artikolu 5

Ċerti aspetti pertinenti għar-rekwiżiti dwar il-kopertura tar-responsabbiltà ċivili u garanziji adegwati

1. L-awtorità tal-liċenzjar għandha tippubblika l-livelli minimi obbligatorji ta' kopertura, inkluż fejn l-ammont ta' tali kopertura huwa stabbilit fil-liġi nazzjonali.

2. L-awtorità tal-liċenzji ma tistax titlob kopertura li tidħol fis-seħħ qabel ma impriża ferrovjarja tibda l-operazzjonijiet tagħha.

3. Minn sa mhux aktar mill-25 ta' Awwissu 2015, l-awtorità tal-liċenzjar li tkun ħarġet il-liċenzja għandha titlob mingħand l-impriżi ferrovjarji liċenzjati kollha evidenza dwar il-livell u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura eżistenti tagħhom għal responsabbiltajiet f'każ ta' inċidenti, sakemm dawn ma jkunux ikkuntrattaw impriża tal-assigurazzjoni jew l-awtorità diġà għandha din l-informazzjoni. Tista' wkoll titlob din l-evidenza minn impriżi ferrovjarji f'każ li għandha dubji dwar jekk il-kopertura tagħhom jilħaqx ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/34/UE.

4. F'każ li l-intrapriża ma turix li hija assigurata b'mod adegwat, iżda li għandha garanziji adegwati biex tkun koperta, l-awtorità tal-liċenzjar, jekk ikun il-każ wara konsultazzjoni mal-korp regolatorju, għandha teżamina jekk il-kondizzjonijiet li taħthom l-impriża tkun kisbet garanziji bħal dawn jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet tas-suq li kien jinkiseb minn xi impriża oħra bl-istess livell ta' kapaċità finanzjarja u espożizzjoni għar-riskji.

5. Jekk l-awtorità tal-liċenzjar tissospendi liċenzja skont l- Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, jew jagħti liċenzja temporanja skont l-Artikolu 24(3) tal-imsemmija Direttiva, din għandha tinforma lil kwalunkwe awtorità kompetenti oħra msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li magħhom tkun taf li l-impriża ferrovjarja kellha kuntratti ta' servizzi. Jekk l-awtorità tal-liċenzjar għandha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' garanziji għal kopertura tar-responsabbilitajiet tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, hija tista' tittrażmetti l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll ta' dawn ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

Artikolu 6

Relazzjoni maċ-ċertifikati tas-sigurtà

1. L-għoti ta' liċenzja ma jistax ikun kundizzjonali fuq jekk l-impriża tkunx fil-pussess taċ-ċertifikat tas-sikurezza msemmi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE.

2. Jekk impriża hija fil-pussess ta' ċertifikat tas-sigurtà, l-awtorità tal-liċenzjar ma għandhiex tiċċekkja ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati tas-sigurtà, meta tagħti l-liċenzja.

Artikolu 7

Ċerti aspetti tal-proċedura għall-għoti ta' liċenzja

1. Fi żmien xahar mill-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tinforma lill-impriża li l-fajl huwa komplut jew titlob għal informazzjoni komplementari. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż b'ġimagħtejn taħt ċirkostanzi eċċezzjonali u l-impriża għandha tiġi infurmata b'dan. Ladarba tkun waslet informazzjoni kumplimentari, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tinforma lill-impriża fi żmien massimu ta' xahar jekk il-fajl hux komplut.

2. L-awtorità tal-liċenzjar tista' titlob biss id-dokumenti msemmija fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE jew dawk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-awtorità tal-liċenzjar għandha tippubblika lista tad-dokumenti kollha u l-kontenut tagħhom u ma għandhomx jitolbu dokumenti oħra mill-impriżi. Jekk il-lista tkun aġġornata u ppubblikata, l-impriżi jistgħu xorta joqogħdu fuq il-lista preċedenti rigward l-applikazzjonijiet li jkunu ssottomettew qabel l-aġġornament.

3. Fir-rigward ta' impriżi bi dħul annwali ta' inqas minn EUR 5 miljun, mill-attivitajiet ferrovjarji, l-awtorità tal-liċenzjar tista' tikkunsidra r-rekwiżit rigward l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-obbligi attwali u potenzjali għal perjodu ta' 12-il xahar mill-bidu tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2012/34/UE bħala ssodisfat, jekk l-impriża tista' turi li l-kapital nett tagħha jkun mill-inqas EUR 100 000 jew ammont miftiehem mal-korp regolatorju. L-awtorità tal-liċenzjar għandha tippubblika dan l-ammont.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Format standard għad-dokument tal-liċenzja



INFORMAZZJONI DWAR IL-LIĊENZJA GĦAT-TWETTIQ TA' SERVIZZI TA' TRASPORT FERROVJARJU

Fi ħdan l-Unjoni u ż-Żona Ekonomika Ewropea skont id- Direttiva 2012/34/UE u l-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

1. **Stat tal-ħruġ tal-liċenzji**

Stat tal-Ħruġ	☐ Liċenzja ġdida ☐ Liċenzja emendata
Nru tal-liċenzja nazzjonali	Deċiżjoni ta' identifikazzjoni
Leġiżlazzjoni applikabbli	
Awtorità tal-Liċenzjar	Nru tat-Telefown
Indirizz postali	
Kodiċi Postali u belt	Indirizz elettroniku

2. **Detentur tal-liċenzja**

Impriża ferrovjarja	Nru tat-Telefown
Indirizz postali	
Kodiċi Postali u belt	Indirizz elettroniku
Nru tar-reġistrazzjoni	Nru tal-VAT

3. **Validità**

Valida minn	Liċenzja temporanja: ☐ IVA ☐ LE Jekk iva: valida sa
Tip ta' servizzi: ☐ merkanzija ☐ passiġġieri ☐ trazzjoni biss	
Sospiża fi	Revokata fi

4. **Emendi**

Emendata fi

Deskrizzjoni tal-emenda

5. **Kundizzjonijiet u obbligi**

Il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jiġu msemmija hawnhekk, jew għandha tingħata referenza għal fejn id-dokumentazzjoni hija disponibbli

	Data	Firma
	Isem	
Nru tal-liċenzja-notifika tal-KE		

Spjegazzjonijiet dwar kif timla l-mudell tal-liċenzja

Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni hija stipulata fid-Direttiva 2012/34/UE.

Il-liċenzji ferrovjarji maħruġa skont id-Direttiva 2012/34/UE huma validi wkoll fiż-Żona Ekonomika Ewropea permezz tad-Deċiżjoni Nru 118/2001 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tat-28 ta' Settembru 2001 li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE (ĠU L 322, 6.12.2001, p. 32). Il-liċenzji maħruġa fiż-Żona Ekonomika Ewropea huma ugwalment validi fl-Unjoni permezz tal-istess deċiżjoni.

Kull darba li Deċiżjoni li taffettwa d-dokument tal-liċenzja ta' impriża ferrovjarja liċenzjata partikolari, jiġifieri billi temenda, tissospendi, tirrevoka jew tissostitwixxi liċenzja permanenti ma' waħda temporanja, għandu jkun ikkomunikat lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea dokument tal-liċenzja ġdid.

Id-dokument tal-liċenzja huwa dejjem akkumpanjat mill-Anness dwar il-kopertura finanzjarja għar-responsabbiltà.

L-ispjegazzjonijiet hawn taħt jirreferu għall-oqsma numerati tal-formola. Ir-referenzi huma għall-Artikoli tad-Direttiva 2012/34/UE.

Stat tal-ħruġ tal-liċenza. Għandu dejjem jiġi indikat jekk dokument jikkonċernax liċenzja ġdida jew kwalunkwe tip ta' emenda għal liċenzja eżistenti. Il-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Istat tal-ħruġ għandha tkun identifikata b'referenza għal-liġi jew dispożizzjonijiet legali oħra. In-numru tal-identifikazzjoni tal-liċenzja użat fl-Istat tal-ħruġ għandu jitniżżel u, fejn applikabbli, titniżżel ukoll l-identifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità permezz ta' numru ta' referenza jew referenza rilevanti oħra. L-awtorità tal-liċenzjar hija maħtura mill-Istati Membri skont l- Artikolu 16. Din għandha tiġi identifikata b'mod li jagħmilha possibbli għall-partijiet interessati li jikkuntattjaw il-korp inkwistjoni. In-numri tat-telefown għandhom jindikaw in-numru ġenerali, fejn applikabbli, u mhux il-persuna responsabbli mill-kwistjonijiet tal-liċenzjar. In-numri tat-telefown u l-feks għandhom jindikaw il-kodiċi tal-pajjiż. L-indirizz tal-posta elettronika għandu jkun il-kaxxa postali ġenerali tal-awtorità.

Detentur tal-liċenzja. Id-dettalji tal-kuntatt tad-detentur tal-liċenzja għandhom, b'mod simili bħal fil-każ tad-dettalji tal-awtorità, jindikaw l-indirizzi ġenerali tal-impriża ferrovjarja, filwaqt li jevitaw li jagħtu referenza għal xi persuna partikolari. Jekk diversi numri tar-reġistrazzjoni huma attribwiti lid-detentur skont il-liġi nazzjonali, hemm possibilitajiet fil-formola li jitniżżlu kemm in-numru tal-VAT kif ukoll it-tieni numru tar-reġistrazzjoni. In-numri tat-telefown u l-feks għandhom jindikaw il-kodiċi tal-pajjiż.

Validità. Skont l-ewwel sentenza tal- Artikolu 23(2) liċenzja tibqa' valida sakemm l-impriża ferrovjarja tissodisfa l-obbligi tad-Direttiva. Ir-reviżjonijiet li huma permessi skont it-tieni sentenza tal- Artikolu 23(2) ma jitolbux li d-dokument tal-liċenzja bħala tali jiġi emendat.

L-awtorità tal-ħruġ għandha tindika l-ewwel data ta' validità u t-tip(i) ta' servizzi li l-liċenzja hija valida għalih(om). Fil-każ ta' liċenzja temporanja, maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(3), għandha titniżżel id-data tat-tmiem. Il-perjodu massimu ta' validità ta' liċenzja temporanja huwa ta' sitt xhur. Fil-każ ta' sospensjoni jew revoka d-dati għandhom jitniżżlu fil-formola. Id-dati għandhom jitniżżlu f'format komuni (jjxxss).

Emendi. Jekk l-impriża ferrovjarja liċenzjata tibdel jew testendi b'mod sinifikanti l-attivitajiet tagħha, il-liċenzja għandha terġa' tiġi ppreżentata għal reviżjoni (Artikolu 24.6). Reviżjoni bħal din tista' tikkawża li l-liċenzja tiġi emendata u jekk iseħħ dan, id-data tal-emenda għandha tiddaħħal fil-qasam flimkien ma' deskrizzjoni qasira. Id-dati għandhom jitniżżlu f'format komuni (jjxxss).

Kundizzjonijiet u obbligi. L-Artikolu 23(3) jiddikjara li d-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw is-sospensjoni jew ir-revoka ta' liċenzja jistgħu jiġu inkorporati fil-liċenzja nnifisha. Jekk dan ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu indikati f'dan il-qasam.

Firma. Persuna awtorizzata mill-awtorità tal-liċenzjar li tiddeċiedi fuq il-liċenzi għandha tivvalida u tikkomunika d-dokument tal-liċenzja lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea. L-isem tal-persuna firmatarja għandu jinkiteb ittra ittra.

ANNESS II

Format standard għall-anness dwar ir-responsabbiltà mal-liċenzja ferrovjarja



LIĊENZJA

Nru tal-anness dwar ir-responsabbiltà

Kopertura finanzjarja għar-responsabbiltà

Fir-rigward ta' liċenzja għat-twettiq ta' servizzi ta' trasport bil-ferrovija fi ħdan l-Unjoni u ż-Żona Ekonomika Ewropea skont id-Direttiva 2012/34/UE u l-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

1. **Stat tal-ħruġ tal-liċenzji**

Stat emittenti	Awtorità tal-Liċenzjar
Nru tal-liċenzja nazzjonali	Deċiżjoni ta' identifikazzjoni
Leġiżlazzjoni applikabbli	

2. **Detentur tal-liċenzja**

Impriża ferrovjarja	
Nru ta' reġistrazzjoni	Nru tal-VAT

3. **Awtorità tal-liċenzjar** (jekk mhix l-awtorità tal-liċenzjar f'1)

Awtorità tal-Liċenzjar	Nru tat-Telefown
Indirizz postali	
Kodiċi Postali u belt	Indirizz elettroniku
Stat	Leġiżlazzjoni applikabbli

4. **Kopertura finanzjarja għar-responsabbiltà**

Kopertura finanzjarja, ammont	Garanziji skont il-kundizzjonijiet tas-suq (deskrizzjoni qasira)
Kopertura ġeografika	
Valida minn	Valida sa

5. **Kundizzjonijiet u obbligi**

Il-kundizzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 22, l-Artkolu 23(2) u/jew (3) tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jiġu msemmija hawnhekk, jew għandha tingħata referenza għal fejn id-dokumentazzjoni hija disponibbli

Data Firma

	Isem
Nru tal-liċenzja-notifika tal-KE	

Spjegazzjonijiet u struzzjonijiet għall-użu

Stat tal-ħruġ tal-liċenza. L-informazzjoni mogħtija fil-liċenzja għandha tiġi ripetuta hawnhekk biex tippermetti l-identifikazzjoni korretta tal-liċenzja. L-awtorità tal-liċenzjar hija maħtura mill-Istati Membri skont l- Artikolu 16. Peress li l-Anness huwa marbut ma' dokument tal-liċenzja skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament mhuwiex meħtieġ li tiġi ripetuta l-informazzjoni kollha mogħtija fuq l-awtorità tal-liċenzjar. L-isem huwa biżżejjed.

Detentur tal-liċenzja. Peress li l-Anness huwa marbut ma' liċenzja mhuwiex meħtieġ li tiġi ripetuta l-informazzjoni kollha mogħtija fuq id-detentur tal-liċenzja. L-isem u n-numri tar-reġistrazzjoni possibbli huma biżżejjed.

Korp tal-liċenzjar responsabbli għall-validazzjoni ta' kopertura finanzjarja. Jekk l-anness dwar ir-responsabbiltà jkun sottomess mill-awtorità tal-għoti tal-liċenzja lill-impriża ferrovjarja, dan il-qasam ma għandux jimtela. F'każ li awtorità tal-liċenzjar fi Stat Membru ieħor tkun talbet u approvat il-kopertura tal-assigurazzjoni addizzjonali, id-dettalji tal-kuntatt relevanti ta' dik l-awtorità tal-liċenzjar għandhom jitniżżlu f'dan il-qasam. In-numri tat-telefown u l-feks għandhom jindikaw il-kodiċi tal-pajjiż.

Kopertura finanzjarja għar-responsabbiltà. L-ammont ta' kopertura li huwa meħtieġ u approvat għandu jitniżżel f'dan il-fqasam, b'indikazzjoni tal-munita li biha huwa nnotat. Jekk l-impriża ferrovjarja ma tkunx ħadet polza tal-assigurazzjoni iżda wriet li hija koperta minn garanziji adegwati skont il-kundizzjonijiet tas-suq (eż. garanzija finanzjarja), in-natura ta' din il-kopertura għandha tiġi deskritta. Jekk il-kopertura ġeografika hija limitata għal pajjiż jew għal reġjun speċifiku jew jekk ċerti pajjiżi jew reġjuni huma speċifikament esklużi, dan għandu jkun deskritt. Għandha titniżżel l-ewwel data ta' validità tal-polza ta' assigurazzjoni. L-impriża ferrovjarja għandha obbligu li tkompli tkopri r-responsabbiltà. Il-liċenzja ma tkunx valida jekk l-impriża ferrovjarja ma tissodisfax dan ir-rekwiżit (Artikolu 18). Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, l-assigurazzjoni tista' tittieħed għal żmien limitat. F'dan il-każ tista' tiddaħħal data tat-tmiem tal-validità. Id-dati għandhom jitniżżlu f'format komuni (jjxxss). L-awtorità tal-liċenzjar tista' tivverifika li l-impriża ferrovjarja tikkonforma mar-rekwiżiti (Artikolu 24).

Kundizzjonijiet u obbligi. Il-kopertura għar-responsabbiltà tista' tintrabat ma' kundizzjonijiet nazzjonali jew obbligi imposti fuq l-impriża ferrovjarja mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22. F'każ hekk, dan għandu jiġi indikat f'dan il-qasam.

Firma. Persuna awtorizzata mill-awtorità tal-liċenzjar li tapprova l-arranġamenti tal-assigurazzjoni fi ħdan il-proċedura tal-liċenzjar għandha tivvalida u tikkomunika d-dokument lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea. L-isem tal-persuna firmatarja għandu jinkiteb ittra ittra.

Numru tan-notifika tal-liċenzja tal-KE.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/172

tal-4 ta' Frar 2015

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	EG	344,2
	IL	103,6
	MA	59,2
	SN	316,2
	TR	123,5
	ZZ	189,3
0707 00 05	TR	192,3
	ZZ	192,3
0709 91 00	EG	60,6
	ZZ	60,6
0709 93 10	MA	231,2
	TR	245,7
	ZZ	238,5
0805 10 20	EG	49,0
	IL	75,2
	MA	56,6
	TN	62,5
	TR	64,7
	ZZ	61,6
0805 20 10	IL	146,5
	MA	90,1
	ZZ	118,3
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	56,6
	EG	86,6
	IL	133,2
	JM	115,2
	MA	119,6
	TR	85,4
	ZZ	99,4
0805 50 10	TR	61,7
	ZZ	61,7
0808 10 80	BR	64,8
	CL	88,8
	US	188,5
	ZZ	114,0

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur standard tal-importazzjoni
0808 30 90	CL	307,7
	CN	93,4
	US	130,9
	ZA	99,6
	ZZ	157,9

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/173

tat-3 ta' Frar 2015

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 (EUTM) SOMALIA/1/2015

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti rigward il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Somalia, inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fis-17 ta' Diċembru 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 ([2]) li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.

(3) Fit-18 ta' Frar 2014, l-Italja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Antonio MAGGI bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia biex jissostitwixxi lill-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI.

(4) Fit-8 ta' Jannar 2015, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Brigadier Ġeneral Antonio MAGGI bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia biex jissostitwixxi lill-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI.

(5) Id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 għandha titħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas mhija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Antonio MAGGI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mit-8 ta' Marzu 2015.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni EUTM Somalia/1/2013 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.
([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUTM Somalia/1/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tas-Somalja (EUTM Somalia) (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 53).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2015.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 780/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 206/2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 219 tal-15 ta' Awwissu 2013)

Fil-paġna 9 fl-Anness, fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju RUM-A, il-Punt II.1.6 Id-deni tar-Rift Valley, it-3 taqsima, l-aħħar linja:

minflok: … "fi żmien 10 ijiem li ntbagħtu lejn l-Unjoni.",

aqra: … "fi żmien 10 ijiem qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni."

Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 483/2014 tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2014 dwar miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tad-dijarea fil-porċini kkawżata minn deltakoronavirus fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' sprej ta' demm imnixxef u plażma tad-demm ta' oriġini porċina maħsuba għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali porċini mrobbija

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 138 tat-13 ta' Mejju 2014)

F'paġna 52, fit-Titolu:

minflok: "sprej ta' demm imnixxef u plażma tad-demm ta' oriġini porċina",

aqra: "demm u plażma tad-demm porċin imnixxfin bl-isprej";

f'paġna 53, fil-premessa 9:

minflok: "l-isprej ta' demm imnixxef u plażma tad-demm ta' oriġini porċina",

aqra: "demm u plażma tad-demm porċin imnixxfin bl-isprej";

f'paġna 55, fl-Anness, fit-Tabella, fil-Parti II, fil-punt 5:

minflok: "l-isprej ta' demm imnixxef u plażma tad-demm ta' oriġini porċina",

aqra: "demm u plażma tad-demm porċin imnixxfin bl-isprej";

f'paġna 55, fl-Anness, fit-Tabella, fil-Parti II, fil-punt 9:

minflok: "l-isprej ta' demm imnixxef u plażma tad-demm ta' oriġini porċina",

aqra: "demm u plażma tad-demm porċin imnixxfin bl-isprej".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT